# ĠIBU S-SATCHEL!

Ftit jiem oħra u nibdew l-iskola mill-ġdid. Kemm hi ħaġa sabiħa li t-tfal ikunu jistgħu jiltaqgħu mill-ġdid taħt is-saqaf tal-iskola. Biex nibdew is-sena  taċ-ċelebrazzjonijiet hawnhekk fil-parroċċa qegħdin nistiednu lit-tfal kollha biex għall-quddiesa ta**l-Ħadd 26 ta' Settembru**, iġibu s-satchel ħalli nberkuh. Il-barka tas-satchel hija sinjal tal-barka li se nagħtu lit-tfal stess u lill-ġenituri. Din il-barka se ssir **fil-quddiesa tal-9:45am**.

Ippermettuli nagħmel ftit ħsibijiet fl-okkażjoni tal-bidu tas-sena akkademika l-ġdida:

**GĦALIKOM IL-ĠENITURI** - għaddewli paġna mill-ktieb *The Dreamseller* li l-awtur tiegħu huwa l-Brażiljan Augusto Cury. F'din il-paġna Cury jistħajlu jmur lura fiż-żmien meta kien qed irabbi t-tfal. U hawn jgħid x'kien jagħmel differenti: "I would kiss my children more, play with them more, enjoy their childhood the way dry soil absorbs water. I would go out into the rain with them, walk barefoot on the grass, climb trees... I would try less to give them the world, and try harder to give them my world".

Lit-tfal ma nbellgħulhomx l-għerf biss imma ngħinuhom iżommu fuq saqajhom u jfendu għal rashom;

Lit-tfal ma nixtiqulhomx isiru sinjuri biss bil-professjoni li se jiksbu imma li jkunu kuntenti għax isiru jafu lil Alla;

Lit-tfal ma ngħabbuhomx b'ħafna privatijiet u attivitajiet u mbagħad ma nħallux ħin għad-duttrina u l-quddiesa tal-Ħadd. L-antiki kienu jgħidu: "Nequid Nimis", jiġifieri 'nothing in excess'. Tħarsux lejn it-tfal bħallikieku dawn jgħaddu mingħajr il-benna tar-reliġjon. Fl-aħħar mill-aħħar aħna nkunu ppreparati għall-ħajja meta nagħtu kas tal-ispirtu. Jingħad li wieħed kien dieħel għal operazzjoni u sema' lin-nurse fis-sala operatorja, tgħid li kollox kien ippreparat. Kien hawnhekk li l-pazjent qalilha, "Isma' ħej, ma jien ippreparajt xejn. Sejjaħ qassis għax irrid nirċievi l-griżma tal-morda"! Ħajja li tidher ordnata imma ma tkunx f'armonija ma' Ġesù, twassal għad-diżordni.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**IL-MUŻEW TAL-BNIET:** javża lil dawk il-ġenituri li għandhom lil uliedhom bniet Year 3 (2021/2022) u li għadhom ma mlewx il-consent form li huma mitluba jiġu jiġbruha mill-Mużew tal-bniet nhar it-Tnejn, 20 ta' Settembru bejn il-5:00pm u s-6:30pm u wara li jimlewha, jimpostawha fil-kaxxa tal-ittri tal-Mużew sa nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Settembru.

**IN-NADUR TEEN & YOUTH CENTRE:** ser jorganizza freshers activity nhar it-Tlieta 21 ta' Settembru, lill-istudenti li din is-sena ser ikunu Form 2 (Yr 8). Permezz ta' din l-attività ser ikunu jistgħu jaraw iċ-Ċentru l-ġdid u fejn isiru l-laqgħat. Imbagħad ser jaqsmu flimkien mument ta' ferħ permezz ta' xi logħob. L-attività tibda fis-7:30pm.

**TIFKIRA TA' SAN PIJU:** nhar il-Ħamis, 23 ta' Settembru fil-knisja tal-Kapuċċini. Ir-Rużarju jibda fis-6:15pm bl-Adorazzjoni u wara l-Quddiesa fis-7:00pm. Trasport privat.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** ser torganizza BBQ nhar is-Sibt, 25 ta' Settembru fis-7:00pm fi Ġnien il-Kunsill. Se jkun hemm mistiedna speċjali Rebecca & The Passengers. Għall-biljetti ċemplu lil Raymond Vella (79553543) jew Karistu Camilleri (79090916).

**IL-ĦIN TAL-QUDDIES:** minn nhar il-Ħadd, 26 ta' Settembru, il-knisja tmur għal ħin tax-xitwa. Filgħodu l-ħin tal-quddies jibqa' l-istess. Filgħaxija mit-Tnejn sas-Sibt ikun fil-5:00pm u fis-6:30pm. Il-Ħadd filgħaxija l-quddies ikun fil-5:00pm u fis-7:00pm.

**L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU:** tavża li se jsir seminar annwali nhar il-Ħadd 26 ta' Settembru mit-8:30am 'l quddiem fis-Sala Parrokkjali. Id-dħul huwa b'xejn però kull min jattendi jrid ikollu ċ-ċertifikat tal-vaċċin. Is-suġġett ser ikun 'Metodi differenti ta' kif isir presepju'. Il-kelliema se jkunu Charles Xuereb u Charles Camilleri. Għal booking ċemplu fuq 79276795 sat-22 ta' Settembru.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am